# Il-Biża' tal-Griegi

FRANS SAMMUT

Qabbad il-magna bit-tregħid ta' min qed jibża' li malli jqabbadha jtajjar kollox ma' l-arja u jtir hu wkoll. Il-biża' li kellu fuqu qatt ma kien ħass bħalu qabel. Aktar minn biża' kien twerwir. Twerwir fin iżda iebes daqs kemm hi iebsa l-id ta' min jaħfnek minn griżmejk u ma jitilqekx. Ħass driegħu jibbies kif soltu jagħmillu meta jkollu ħsieb itaqqallu moħħu, iżda issa ħassu jibbies aktar minn dari. Qisu xi ħadd dawwarlu lenza madwar il-polz ta' idu u waqqaflu d-demm fil-vini.

Aktar b'għada milli bi ħsieb saq tul it-triq u dar mal-kantuniera biex jidħol fit-triq li tieħu għal Gwardamanġa. Ftit 'il hinn jilmaħ trakk kbir tat-tifi tan-nar u erba' pumpiera jitfgħu l-ilma għal ġo maħżen kbir mnejn kienet ħierġa sħaba tqila ta' duħħan iswed. Sirna qisna barra, kien se jgħid bejnu u bejn ruħu. Serq kull erba' passi, issa l-ħruq ukoll se jsir ħaġa ta' kull jum. Iżda ma qal xejn għax ma ħassx li għadu jista' jagħmilha ta' mħallef fuq il-ġnus l-oħra u jaqtgħalhom is-sentenza bħala ġnus ħżiena, bla morali, bla valuri.

Dal-ħsieb żied ikiddu. Issa lanqas il-faraġ li jfakkar lilu nnifsu li hemm min hu agħar minnu ma baqagħlu. Issa aħbarijiet ħżiena biss kellu għalfejn jistenna. Waħda agħar mill-oħra. Ħass l-għaraq ixoqq għalih u ħafif għadda idu x-xellugija jimsaħ il-qtar minn fuq ġbinu.

Ħares lejn wieħed mill-kotra miġbura tara l-ispettaklu b'xejn li qed jagħtu l-pumpiera u ħassu jgħir għalih. Jaqbad kemm jaqbad in-nar, jagħmel ħsara kemm jagħmel, għal dan l-ispettatur xorta. Imqar jekk tassew jitħassar lil min qed issirlu l-ħsara li jaraha, jagħmel ftit riflessjonijiet fuqha, u mbagħad xħin jixba' jaħseb fuqha, jdabbar rasu u jitlaq lejn id-dar. Sa għada jkun sema' aktar aħbarijiet, fuq il-qtil li qed isir Sqallija, fuq il-massakru f'Bosnja-Herzegovina u jinsa kollox.

Hu le. Dak li qiegħed ikidd lilu, qed ikidd lilu biss. Jgħawwarlu f'qalbu, f'ruħu. Jaqtagħlu nifsu bit-twerwir li tefa' fuqu. U fuq kollox ma jista' jgħid bih lil ħadd. Ma jista' jafda ma' ħadd. Għax tiġih agħar. L-aktar jekk dak li qed jibża' minnu huwa minnu u m'huwiex biża' biss.

Dal-ħsieb kien iġennu. Għadda idu ma' għonqu donnu biex ineħħi ngassa li xi ħadd ma jidhirx qed jgħallqu biha, ħa nifs 'il ġewwa u għamel ħiltu jaħseb fuq xi ħaġa oħra. Ma setax. Il-ħsieb ikrah ma riedx iħallih. Donnu ntebaħ li jrid jaħrablu u flok iħallih aktar ried jaħkmu u jwerwru.

Iżda mbagħad ġieh ħsieb ieħor li xorta nessieh għal ftit. It-tiftixa li jistħarreġ il-bidu ta' l-għali tiegħu. Bidu li issa donnu mkeffen fiċ-ċpar u ma jfiġġx jekk mhux wara sforz qawwi minn min ifittxu b'ħerqa.

Lemaħ qisha quddiemu l-għodwa li raha l-ewwel darba, sabiħa, friska, lewn ġilditha ħamrani taħt ix-xuxa safrana, fommha kemmxejn kbir għad li xofftejha rqaq bi tbissima ambigwa tiġri matulhom. Kienet għodwa sajfija iżda ta' riħ fuq—biċ-ċajt kien qalilha li ġabitu magħha dar-riħ sabiħ, utieq—u għal żmien twil wara baqa' jgħoddha waħda mill-isbaħ għodwiet ta' ħajtu. Kien biss wara li ġarą li dijitha donnha ntfiet u flokha daħal u qagħad iċ-ċpar tat-tnessija, mħallat maċ-ċpar tad-dubju u mbagħad ukoll tal-biża'.

Kien ħafna wara li dik id-dehra tagħha, mimlija saħħa u ħeġġa ċċajpret f'moħħu u flokha kisbet dehra tal-qabar, u ġieli dehritlu fil-ħolm katavru liebes l-abjad, bil-laħam jaqa' biċċa biċċa minn fuqu. Dal-ħolm kien jagħmel ħiltu jinsieh, iżda bil-maqlub ta' ħolm ieħor li jinsieh hekk kif jistenbaħ u ġieli lanqas jintebaħ li jkun ħolmu, dal-ħolm kien sar jidhirlu bi nhar ukoll. Dak li jara fih jerġa' jarah fid-dawl tax-xemx, ċar u dafi daqs xħin rah bil-lejl.

Il-katavru kien jgħolli dirgħajh lejh u jistiednu joqrob lejh. Kien jitmeżmeż minnu, iżda mbagħad xħin jgħarrex sew f'wiċċu jsib li kellu wiċċha u bla ma jrid ikollu joqrob lejh miġbud minn qawwa akbar minnu. Taħlita ta' stmerrija u għoġba kienet taħkmu u jinżel fuq dak il-laħam qed jitmermer u jħossu ma' ġismu. Għall-ewwel kien iqum minnufih u jsibu maħsul bil-għaraq u bl-istmerrija.

Imbagħad beda jidra. U donnu fil-ħolm stess ma baqax jistmerr il-miġja tal-katavru. Bilkemm ma bediex jistennieha b'ħerqa... b'dik l-istess mistennija li biha kien jistenna lit-tfajla sabiħa mill-Ewropa li kien sar jaf f'dik l-għodwa ta' riħ fuq.

Kien għadda jiem sbieħ magħha, u ljieli isbaħ minnhom f'għoġba li ma kienx jaf isib kliem sabiħ biżżejjed biex ifissirhom. Meta kien ifittex li jagħżel il-kliem xieraq biex ilissen dak li qed iħoss, hi kienet tidħak u tinkih li kien *der philosoph*—il-filosfu. Ma kinitx tifhem għaliex għandu jfittex li jaħkem bil-kliem il-ħsus kollha li jġarrab u jagħti xbiha lil kull ma jħoss.

Hu kien iweġibha li kienet drawwa aqwa minnu. Bħad-drawwa ta' min iniżżel fuq il-karta kull ma jkun għadda minnu matul il-jum. U kien jibqa' jitħabat biex ifisser x'kien qed iħoss. U bosta drabi ma kienx jirnexxilu. Jew għall-inqas kien jibqa' jħoss li ma rnexxilux.

Kif jibda jgħidilha x'differenza kien jara bejnha u bejnu—mhux id-differenza li mill-ewwel semmietlu hi, dik ta' bejn il-barokk li bih stagħniet dil-gżira stramba u bejn il-bini tal-Mitteleuropa kemm tradizzjonali kemm modern. Hi kienet titkellem minn dad-differenzi li jolqtu l-għajn. Hu ried jitkellem dwar differenzi anqas ċari, aktar profondi. Kull meta hi ma kinitx tasal biex tfisser ruħha hu kien jgħinha malajr. Iżda meta ma kienx jirnexxilu hu, hi ma kienx jirnexxilha tgħinu. It-tfittix tiegħu kien itqal.

Għaliex mhux biżżejjed li l-għaqal tradizzjonali tat-tfajla Maltija tfissru bħala wieħed mill-valuri li baqgħu neżlin sa żmienna minn dawk ta' żmien il-biedja. Hu kien jibqa' jħoss li ma kinitx definizzjoni sħiħa għal kollox. F'waqt wieħed lanqas ma ried jidħol wisq fil-fond għax iħassar ir-relazzjoni ta' bejniethom—jew jaqbeż għall-valuri tradizzjonali jew jistgħall il-valuri moderni li kellu quddiemu mqegħdin fuq platt tal-fidda mill-idejn ta' dinja ġdida, meħlusa mix-xkiel u s-saram ta' l-imgħoddi.

Darba biex jiċċajta—u għandu mnejn biex jieħu ftit tiegħu minn fuq wara li sakkritu bl-argumenti tagħha—stqarrilha bi tbissima: "*Timeo Danaos et dona ferentes*". Ma fehmitux. Ħa gost li ma fehmitux għax seta' juri ruħu aqwa minnha f'xi ħaġa, u bla ħsieb fehimha l-qawl Latin. Iċ-ċajta ma għoġbithiex. Anzi qaltlu li fil-fehma tagħha ma kienet ċajta xejn. B'leħinha iebes ċanfritu li l-għotjiet b'għanijiet ulterjuri kienu jagħmluhom biss ix-xebbiet li kien jaf hu, sewwasew dawk li għadhom maħkuma mill-moħħ tal-bdiewa, li hu, f'burdata filosofika u żgur nieqsa mill-ħjiena tas-seduzzjoni kien azzarda jfissirhomlha bħala t-tfajliet li kien għad għandhom l-għaqal tradizzjonali.

Quddiem dak il-leħen kien infixel. Ma riedx iċedi malajr il-punt li mingħalih għamlu b'mod 'akkademiku' mingħajr l-iċken ħsieb li joffendiha bħallikieku t-tnejn kienu atturi qed iġibu ruħhom skond kopjun li kien 'il bogħod mir-rieda tagħhom it-tnejn. Imbagħad ftakar meta qaltlu li kien "filosfu" u ntebaħ li dak inhar ma kinitx qed tagħmillu kumpliment iżda kienet qed tagħmillu twissija biex ma jibqax iġib ruħu hekk, li għandu jirħan ibiegħu u barra bid-daqq.

Kien sogħobbih li ġegħilha tieħu għaliha, għax tabilħaqq li dak ma kienx l-għan tiegħu. Għamel riflessjoni li dan-nies tal-Mitteleuropa differenti mill-Ingliżi li konna mdorrijin bihom jew li mingħalina sirna nafuhom għallinaqas bħalma l-maħtuf jaħseb li jsir jaf lil min ħatfu u ftit ftit jibda jħossu jixxiebah miegħu. Minn dak inhar ma kienx jaf kif se jibda jġib ruħu magħha. Meta kienet għarrfitu li m'għandux iqis ir-rabta tagħhom bħal ta' l-għasfur u tal-kaċċatur, għax hi għasfur ma kinitx, kien qabel magħha. Taħa raġun u serrħilha rasha li ma kienx iħares lejhom f'termini ta' kaċċa staġunali. Meta qaltlu biex flok ilablab jagħmel li għandu jagħmel, kien qabel magħha wkoll. Iżda li ħadet għaliha għax għamel ċajta ma setax jaqbel magħha. U baqa' mfantas sakemm kienet hi li ħassitha mkabbra wisq u serrħitlu rasu li ħafritlu.

Biż-żmien beda jintebaħ x'kienet sewwasew id-differenza ta' bejniethom. Aktar ma wrietu ritratti tad-djar tat-triq tagħha bl-arkitettura stramba tagħhom, aktar beda jifhimha. Dik l-arkitettura kien jafha. Iżda qatt ma ħabbel rasu dwarha. Sakemm issa bdiet tfisser l-arkitettura li fiha dil-ħlejqa

ta' ma' ġenbu li tatu lilha nnifisha bla ħafna storbju bil-għan li jsir jafha sew bħalma riedet issir tafu hi. Issa dik l-arkitettura saret xi ħaġa ta' veru, mhux ħaġa teoretika biss. Mhux iżjed ħaġa 'l bogħod minnu li jekk irid jiftakar fiha u jekk ma jridx le.

Tqarreb ma' l-arkitettura ta' triqitha bħalma tqarreb ma' l-arkitettura ta' ġisimha, ta' moħħha, ta' ruħha. Għamel żmien kien iħalliha tkellmu bi lsienha minkejja li ma kienx jifhimha. Sar jaf il-kliem intimu bi lsienha. Sar jaf il-ġrajjiet ta' ħajjitha, mqar il-ġrajjiet mgħoddija ta' mħabbitha. Sa ma fl-aħħar stħajlu ma għadux jgħix f'pajjiżu iżda f'pajjiżha u ġieli kien isemmilha n-nies li tkun semmietlu hi donnhom jafuhom it-tnejn, u hi għall-ewwel kienet tidħak iżda mbagħad bdiet tkompli miegħu u flimkien joħolqu l-illużjoni li ilhom jafu lil xulxin u li kellhom ħbieb komuni li kienu fis-sew jgħixu mijiet ta' mili 'l bogħod.

Imqar meta baqa' jaraha fil-ħolm, ġieli ra aktar minn katavru wieħed, ġieli ra sensiela ta' katavri u l-kant reliġjuż ta' madwarhom kellu minn ilsien stramb li ma kienx jifhmu iżda li kien jifhem li kien ilsienha u għad li l-intonazzjoni tiegħu kienet stramba ġieli għarfu wkoll bħala l-kliem intimu li kienet għallmitu.

Meta ġiet biex titlaq lura l-Ewropa ħass id-dinja tieqaf. Kif jista' jkun hu ma jmurx ukoll magħha? X'kienet tfisser id-dinja mingħajr l-Ewropa? F'daqqa waħda d-djar il-qodma li għall-ewwel li ġiet kien tgħaxxaq juriha tilfu s-seħer tagħhom, l-irkejjen ħelwin li tilfet għaqalha warajhom sfaw mingħajr ġibda, l-imkejjen li żaru marrilhom kull tifsir. Sab ruħu ħuta barra mill-ilma, u l-agħar li ma jista' jfisser x'qed iħoss lil ħadd. Min kien se jifhmu li ma kienx baqa' 'Malti' iżda sar 'Ewropew'? Mela l-Maltin mhux kollha Ewropej? Kif kien se jfiehem lil ħbiebu dak li hi fiehmet lilu?

Biż-żmien kien dara wkoll mingħajrha. U ftit ftit neża' saħansitra l-kisja 'Ewropea' li kienet ksietu biha biż-żfin ħdejn il-baħar, bil-mixjiet tul ix-xtajta, bit-taħditiet dwar il-fehmiet post-moderni, bl-iljieli twal ta' mħabba. U reġa' beda jħares lejha bħalma kien raha l-ewwel darba f'dik l-għodwa ta' riħ fuq. U meta jaqra l-ittri tagħha kien donnu tnejn min-nies: wieħed jaqra u jifhem minn barra, l-ieħor jaqra u jagħraf mill-ġewwieni nett.

Imbagħad l-ittra tal-biża'. Kienet waslitlu bħall-ittri l-oħrajn, bil-mod innoċenti, ferrieħi tagħha. Dak li kien fiha biss kien differenti. Kien qrah darba, darbtejn. U ma setax jemmen. Kien xaqq l-għaraq għalih. Taħ bħal ħass ħażin. U dam ma fehem sew x'kien hemm f'dawk il-linji miktubin b'inka kaħla kemmxejn imċafalsa—kif intebaħ—mid-dmugħ li ġelben waqt il-kitba. Kien għaddielu ħsieb imxajtan, għal waqt wieħed maħrub, li mqar dawn il-post-moderni tal-Mitteleuropa kienu jibku. Iżda ma dehrlux il-każ li jitgħaxxaq f'waqtiet ta' hemm bħal dan. Għeleb lilu nnifsu u qara l-ittra kollha. Ma kienx hemm dubju. "Il-pesta ta' żmienna" kienet misset lilha wkoll.

Inxteħet bil-qiegħda fuq l-eqreb siġġu li sab u niżżel rasu bejn idejh. L-għali li ħass għaliha kien għali tabilħaqq. Iqatta' u jċarrat il-qalb. Reġa' qara l-ittra bit-tama miġnuna li qara ħażin. Qalbu maqtugħa għolla ħarstu 'l fuq, ħa nifs qawwi 'l ġewwa u nfaqa' jibki.

Xħin stejqer qam iħares mit-tieqa minn bejn iċ-ċpar tad-dmugħ. F'daqqa għaddielu ħsieb tal-waħx minn rasu. "Il-pesta ta' żmienna" tittieħed ukoll! Qabdu ferħ ta' ġenn. U lanqas kellu żmien jaħseb li nesa l-qagħda mwiegħra tat-tfajla tal-biża' li ħakmu dwaru nnifsu. Għaddielu wkoll il-ħsieb li kif kienu intimi qabel jistgħu jsiru intimi issa wkoll. Kien se jwerżaq b'dal-ħsieb.

Il-waħx tiegħu issa deher akbar. Lanqas b'mod "akkademiku" ma ried jistħarrġu dal-ħsieb. Minn dak il-ħin, ix-xbiha ta' dik it-tfajla sabiħa issa ħadet bixra oħra. U l-bixra seta' jaraha aħjar bil-lejl meta tiġi żżuru bil-ħolm. Dak il-ħin il-biża' tiegħu kien jieħu s-sura, il-ħsibijiet kienu jitlaħħmu u t-tfajla tidhirlu bix-xbiha l-ġdida tagħha: laħamha jitmermer, għajnejha mqabbżin 'il barra minn ħofrithom fonda, ħalqha bla snien magħluq b'għanqbuta fina li bil-lejl jistagħġeb kif ma kienx intebaħ biha qabel u mbagħad filgħodu jifhem il-preżenza tagħha u għaliex ma kienx jaf biha qabel ma waslitlu dik l-ittra tal-biża'.

Imqar bħalissa fid-dawl għammiexi tax-xemx seta' jilmħu, dak il-wiċċ imkemmex, bid-dbabar tal-qirda mifruxa fuq sfuritu, bil-għads kbir li kien nibet u kiber dan l-aħħar, bix-xagħar imqanfed donnu jixhed ġlieda qerrieda mal-mewt.

Mat-tifkiriet tal-mewt reġa', bla ma ried, għadda idu minn ma' għonqu biex ineħħi l-ħannieqa li qed tagħfas miegħu, toħonqu u tisraqlu nifsu. Min jaf jistax ineħħi dik il-ħannieqa li ħassha tagħfas miegħu? Waqqaf il-karozza. Qagħad iħares għal ftit quddiemu, fil-baħħ. Imbagħad, bil-lajma ta' min tilef il-ħeġġa tad-demm, fetaħ il-bieba u niżżel siequ lejn l-art.

Hemm ġew, x'imkien fl-Isptar San Luqa, it-tweġiba kienet qiegħda tistennieh. Xi ħadd kien ġa jafha. Hu kien għadu le. Iżda ma jdumx ma jsir jafha hu wkoll.